MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2004/2003

**Anthony Bartolo u b’digriet tat-Tribunal tal-5 ta’ Novembru, 2003 gie mibdul ghal Paola Saliba**

**Vs**

**Paola Saliba u b’digriet tat-Tribunal tal-5 ta’ Novembru, 2003 gie mibdul ghal Anthony Bartolo**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm400 (erba’ mitt lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar mislufa mill-attrici lill-konvenut, oltre l-imghaxijiet legali u li l-konvenut obbliga ruhu li ser ihallas fl-intier taghha.

Il-konvenut minkejja li nterpellat biex ihallas u minkejja li obbliga ruhu li ser ihallas dak dovut minnu, baqa' nadempjenti.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 16 ta' Settembru, 2003.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Lydia Zerafa tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------